MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' April, 2009

Numru 347/2009

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Bruno Philip Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 327881(M), talli:

1. fil-perjodu ta’ bejn Settembru 2007 u Ottubru 2008, f’diversi nhawi gewwa dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda fix-xahar ta’ Awissu 2008, matul l-gurnata gewwa Triq Birbal, Balzan, ikkometta serq minn gewwa Vilhena Mansions ghad-dannu ta’ Francis Giudice u persuni ohra,

liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37);

2. fix-xahar ta' Awissu 2008, matul il-gurnata, gewwa Triq il-Linja, Attard, ikkommetta serq minn gewwa Dornie Court ghad-dannu ta' Antonio Deguara u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37);

3. bejn ix-xhur ta' Gunju u Awissu 2008, matul il-gurnata, gewwa Triq Victor Vassallo, Attard, ikkommetta serq minn gewwa Nru 128, "L-Arnia" ghad-dannu ta' Maria Rosaria Hili u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37);

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi f'din l-ewwel udjenza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

l-akkuzat huwa mixli b'diversi serqiet kommessi bejn Mejju u Settembru 2008. Hu fil-fatt akkuzat ta' reat kontinwat f'serq li jirrizulta aggravat bil-vjolenza (aktar minn zewg persuni), mezz u hin; l-aggravju mhux kostanti f'kull serq. L-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija hija esawrienti f'dan ir-rigward. Jirrisulta mill-istes stqarrija li huwa ikkopera bis-shih u dan il-fattur flimkien mal-ammissjoni tieghu f'dan l-istadju tal-proceduri ser jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Fir-rigward il-piena l-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet u hi tal-fehma, fuq l-iskorta tas-sottomisjonijiet, li ma titrattax mal-akkuzat b'kundannna effettiva ta' habs.

Rat l-Artikolu 18, 261(a)(b)(f), 262(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 279(1), 280(2), 17 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tqieghed lill-akkuzat taht ordni ta' supervizzjoni taht il-harsien ta' ufficjal sorveljanti ghall-perjodu operativ kollu jigifieri ghall-perjodu ta' erba' snin.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizjoni kif tenut bis-subartikolu (8) tal-imsemmi Artikolu 28G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------